programm

# RANDAN U GĦID

2017



RANDAN

***Matul il-ġranet tal-ġimgħa*** *tar-Randan fl-4.15pm issir it-talba tar-Rużarju u wara l-quddiesa tal-4.30pm tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali. Fil-ħin tas-sajf (mis-27 ta' Marzu 'il quddiem) fil-5.15pm issir it-talba tar-Rużarju u wara l-quddiesa tal-5.30pm tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.*

***Nhar ta' Ħadd****, il-Via Sagra tingħad wara l-quddiesa tal-4.30pm u tingħata l-barka sagramentali. Meta jibda l-ħin tas-sajf (mis-26 ta' Marzu 'il quddiem), il-Via Sagra tingħad wara l-quddiesa tal-5.00pm.*

**L-Erbgħa 1 ta' Marzu: L-ERBGĦA TAL-IRMIED**

*(Fil-quddies kollu ssir il-funzjoni tal-Irmied. Hu jum ta' sawm għal dawk bejn it-18 u 59 sena u astinenza għal dawk minn 14–il sena 'l fuq).*

**4.30pm** Quddiesa.

**6.30pm** Konċelebrazzjoni bis-sehem tat-tfal u l-familji.

**7.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

**Il-Ħamis 2 ta' Marzu**: **IRTIR GĦAN-NISA KOLLHA**

**9.00am** Irtir organizzat mill-Azzjoni Kattolika għall-membri t'Għawdex kollu u li għalih jistgħu jattendu anke dawk li mhumiex membri. Imexxi Patri Adeodato Schembri OSA, bit-tema *"Kunu ġebel ħaj"*. Jispiċċa fil-11.15am b'quddiesa.
Post: *Dar tat-Tagħlim San Pietru u San Pawl*.

**Is-Sibt 4 ta' Marzu**: **IRTIR GĦALL-GRUPP TAL-ABBATINI**

**9.30am** Jibda rtir għall-Grupp tal-Abbatini mmexxi minn Fr Mark Bonello u jispiċċa fis-1.00pm.

**Il-Ħadd 5 ta' Marzu**: **L-1EL ĦADD TAR-RANDAN**

**9.15am** Quddiesa b'Mixja ta' fidi għall-familja bit-tema *"Fil-quddiesa nilqgħu lil xulxin bħala membri tal-istess familja".*

**10.30am** ***Journey of Life #5****: youth mass.*

**4.15pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bażilka bis-sehem tal-lajċi u wara l-quddiesa tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.

**Mit-Tnejn 6 sal-Ħamis 9 ta' Marzu: ŻJAJJAR FIL-FAMILJI**

**5.00pm** Is-saċerdoti fl-okkażjoni tal-150 sena tal-konsagrazzjoni u 50 sena tal-Bażilka, se jkomplu jżuru xi familji mill-inħawi tal-Ħali. Dawn iż-żjajjar jispiċċaw fis-7.00pm. L-għan tagħhom huwa li nitħaddtu flimkien dwar il-familji u l-ħajja tal-parroċċa u jkompli b'mument ta' talb.

**It-Tlieta 7 ta' Marzu: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**

**5.45pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni li ser issir permezz ta' Quddiesa fil-Knisja Bażilka.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Marzu: PELLEGRINAĠĠ TAR-REDENTUR**

**5.30pm** Pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur li jitlaq minn Triq San Koronatu għal San Ġużepp, Triq ta' Ħida, Triq tad-Duru u jintemm b'quddiesa (fil-Garaxx ta' Christian).

**Is-Sibt 11 ta' Marzu: IRTIR GĦALL-GRUPP TAL-VOKAZZJONIJIET**

**9.30am** Jibda rtir għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet immexxi minn Fr Mark Bonello u jispiċċa fl-4.00pm.

**Il-Ħadd 12 ta' Marzu: IT-2NI ĦADD TAR-RANDAN**

**9.15am** Quddiesa b'Mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "fil-Quddiesa nirċievu u nagħtu l-maħfra".

**10.30am** ***Journey of Life #5:*** *youth mass.*

**4.15pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bażilka bis-sehem tal-lajċi u wara l-quddiesa tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.

**Mit-Tnejn 13 sal-Ġimgħa 17 ta' Marzu**

**EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD**

**8.30am** Quddiesa li fiha Mons. Arċ. Trevor Sultana jagħmel l-omelija. Post: *Knisja Bażilka.*

**6.30pm** Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù u mbagħad fis-7.00pm fl-istess post ikomplu l-eżerċizzi għal kulħadd minn Fr Raymond Gatt OP.

*Matul dawn il-jiem, fil-Bażilka ma jkunx hemm quddiesa tas-6.30pm.*

**It-Tlieta 14 ta' Marzu: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**

**5.45pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni fil-Knisja Bażilka.

**Mill-Ġimgħa 17 sal-Ħadd 19 ta' Marzu:**

**IRTIR GĦALL-ADOLEXXENTI – FORM 5 U 6TH FORM**

**5.00pm** Jibda l-irtir għall-adolexxenti taċ-Ċentru u jispiċċa l-Ħadd bil-quddiesa tal-10.30am.

**Il-Ħadd 19 ta' Marzu: IT-3ET ĦADD TAR-RANDAN**

**9.15am** Quddiesa b'Mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "nisimgħu l-Kelma li taqtgħalna l-għatx".

**10.30am** ***Journey of Life #5:*** *youth mass.*

**4.15pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bażilka bis-sehem tal-lajċi u wara l-quddiesa tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.

**Mit-Tnejn 20 sal-Erbgħa 22 ta' Marzu**

**EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL FL-ISKOLA PRIMARJA**

**8.45am** Eżerċizzi għal Years 1, 2, u 3 immexxiha minn Fr Samuel Grech.

**9.15am** Eżerċizzi għal Years 4, 5, u 6 immexxiha minn Fr Samuel Grech.

**Mit-Tnejn 20 sal-Ġimgħa 24 ta' Marzu**

**EŻERĊIZZI GĦALL-ADOLEXXENTI**

**8.00pm** Isiru mid-Djaknu Carl Scerri. Post: *Knisja Bażilka*.

**It-Tlieta 21 ta' Marzu: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**

**5.45pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni fil-Knisja Bażilka.

**Is-Sibt 25 ta' Marzu**:

**IRTIR GĦAL DAWK LI JWETTQU XI MINISTERU FIL-PARROĊĊA**

**4.00pm** Jibda l-irtir li huwa organizzat speċjalment għall-animaturi, letturi, organisti, u l-"Qaddejja tal-Artal" u li jispiċċa fis-7.00pm. Imexxi l-Arcipriet Jimmy Xerri. Post: *Manresa*.

**Il-Ħadd 26 ta' Marzu**: **IR-4A ĦADD TAR-RANDAN**

**9.15am** Quddiesa b'Mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "fil-Quddiesa noffru l-ħajja tagħna filwaqt li Ġesù joffri ħajtu għalina"

**10.30am** ***Journey of Life #5:*** *youth mass.*

**4.45pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bażilka bis-sehem tal-lajċi.
**5.00pm** Quddiesa u wara tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.
**7.00pm** Quddiesa

**Mit-Tnejn 27 sal-Ġimgħa 31 ta' Marzu**

EŻERĊIZZI GĦALL-MIŻŻEWĠIN

**7.30pm** Isiru minn Patri Marcello Ghirlando OFM. Post: *Sala Parrokkjali.*

**It-Tlieta 28 ta' Marzu: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**

**6.15pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni fil-Knisja Bażilka.

**Il-Ġimgħa 31 ta' Marzu:**

PELLEGRINAĠĠ GĦALL-ISTUDENTI

**6.30am** Tluq bil-mixi mill-Pjazza tan-Nadur lejn Ta' Pinu. Mistiedna l-istudenti u l-familji tagħhom. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, għad-9.00am, tiġi ċċelebrata l-Quddiesa.

VIA SAGRA T'GĦAMMAR GĦAT-TFAL

**8.30am** Mistiedna t-tfal u l-ġenituri tagħhom. Tluq bit-trasport minn ħdejn il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù.

**Mis-Sibt 1 sal-Ħadd 2 t'April:**

IRTIR GĦALL-ADOLEXXENTI – FORMS 3 U 4

**9.00am** Jibda l-irtir għall-adolexxenti taċ-Ċentru u jispiċċa l-Ħadd bil-Quddiesa tal-10.30am.

**Il-Ħadd 2 t' April: IL-5ES ĦADD TAR-RANDAN**

*(Il-ġbir f'dan il-weekend imur b'karità għas-Seminarju)*

**9.15am** Quddiesa b'Mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "fil-Quddiesa naqsmu mal-oħrajn".
**10.30am** ***Journey of Life #5:*** *youth mass.*
**4.00pm** Via Sagra għall-Familji fuq l-Għolja t'Għammar. Trasport jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fit-3.30pm.
**4.45pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bazilka bis-sehem tal-lajċi u wara l-quddiesa tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.

**Mit-Tnejn 3 sal-Erbgħa 5 t'April:**

EŻERĊIZZI FIL-KAŻIN TAL-BANDA

**7.00pm** Isiru fil-*foyer* tal-każin.

**It-Tlieta 4 t'April: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**

**6.15pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni li ser issir permezz ta' Quddiesa fil-Knisja.

**L-Erbgħa 5 t'April:**

VIA SAGRA T'GĦAMMAR GĦALL-ADOLEXXENTI

**7.30pm** Mistiedna l-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru. Tluq bit-trasport minn ħdejn iċ-Ċentru.

**Il-Ġimgħa 7 ta' April: JUM MARIJA ADDOLORATA**

**9.30am** Quddiesa tad-Duluri għat-tfal tal-Iskola Primarja. Post: Knisja Bażilka.
**5.30pm** Pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri u wara konċelebrazzjoni bl-omelija minn Fr Mark Bonello. *Il-Purċissjoni titlaq minn Triq Grunju (ħdejn Mikieli ta' Fonzu) għal Triq S. Indrija, Triq San Ġakbu, Triq ta' Said u tintemm fil-Pjazza.*

**Ħadd il-Palm: 9 t'April**

**9.00am** Tberik tal-Palm fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù u purċissjoni bis-sehem tat-tfal sal-Bażilka.

**9.15am** Quddiesa konventwali.

**9.30am** Ftuħ tal-Mejda tal-Appostli fil-M.U.S.E.U.M. tas-Subien.

**10.30am** **Journey of Life #5:** ċelebrazzjoni ta' fidi f'"Jum iż-Żgħażagħ".

**4.45pm** It-Talba tal-Għasar fil-Bazilka bis-sehem tal-lajċi u wara l-quddiesa tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.

**It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa: 10 t'April**

**5.30pm** Quddiesa.

**7.15pm** Quddiesa.

**It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa: 11 t'April**

**Jum Ir-Rikonċiljazzjoni**

**5.30pm** Quddiesa.

**7.15pm** Quddiesa.

**8.00pm** **Il-Mixja tat-Tbatija**
Via Sagra bis-sehem tal-Adolexxenti fil-Knisja. Matulha jkun hemm saċerdoti disponibbli għall-qrar.

**5.00pm-9.00pm Qrar** fil-Knisja f'ambjent ta' ġabra.

**L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa: 12 t'April**

**6.00am-10.00am Qrar** fil-Knisja.

**5.30pm** Quddiesa.

**7.00pm** Ċelebrazzjoni Penitenzjali minn Fr Dione Cutajar. Matulha jsir il-qrar.
*(Il-quddiesa tas-7.15pm ma ssirx.)*





Is-simbolu tal-pellikan sikwit insibuh fl-arti Kristjana. Dan ġej minn leġġenda antika li tgħid li fi żmien il-għaks, il-pellikan omm kienet tferi lilha nfisha fuq sidirha b’munqarha stess biex b’demmha tippreveni li ż-żgħar tagħha jmutu bil-ġuħ. Dan is-simbolu jfakkarna fi Kristu li tana ħajtu sabiex jifdina, sabiex aħna ngħixu.

## Ħamis ix-Xirka: 13 t'April

**9.00am** Quddiesa tat-tberik taż-żjut fil-Katidral.

**5.30pm** Quddiesa fil-Knisja tas-sorijiet.

**7.00pm** Ħasil tar-riġlejn tal-Appostli u Quddiesa Solenni. Wara jsiru s-seba' visti.

**9.00pm** *Ma' Ġesù fil-Ġetsemani*: mument ta' talb għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ f'post imwarrab.

## Il-Ġimgħa l-Kbira: 14 t'April

**7.30am** Matutin, Lawdi u Terza.

**8.00am** Visti mill-M.U.S.E.U.M. tas-Subien li jibdew mill-qasam tagħhom.
Visti għall-adolexxenti fil-parroċċi.

**8.30am** Visti għall-anzjani.
Visti għall-abbatini.

**3.00pm** Adorazzjoni ta' Ġesù Msallab fil-Knisja Bażilka.

**4.00pm** Adorazzjoni ta' Ġesù Msallab fil-Knisja tas-sorijiet.

**6.00pm** Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

## Sibt il-Għid: 15 t'April

**7.30am** Matutin u Lawdi mal-Komunità.

**8.00pm** Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid.

## L-Għid il-Kbir: 16 t'April

**8.00am** Quddiesa.

**9.00am** Talb tal-Lawdi.

**9.15am** Quddiesa Solenni Konventwali bis-sehem tat-tfal u wara ssir il-purċissjoni bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Isir ukoll it-tqassim tal-figolli lit-tfal.

**10.30am** Quddiesa.

**11.45am** Quddiesa.

**12.30pm** L-Ikla tal-Għid tal-Komunità Parrokkjali.

**4.30pm** Għasar.

**5.00pm** Quddiesa.

**7.00pm** Quddiesa.

gozopress



TRIDU TAL-GĦID

Ħajr speċjali lis-sur Martin Attard għar-ritratti kollha ta' dan il-programm. Ir-ritratti huma kollha ta' opri ta' arti mill-Knisja Bażilka tan-Nadur.


L-Arċipriet, il-Kapitlu u l-Kleru
jawgurawlkom
GĦID QADDIS
Parroċċa San Pietru u San Pawl - In-Nadur, Għawdex